# QORTI ĊIVILI
# (Sezzjoni Familja)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 43/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**JRD**

**Vs**

**EZD**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab illi, sabiex jiġu kkawtelati d-drittijiet tiegħu l-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għar-raġunijet segwenti:

   *Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimata, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu kull propjeta u b'mod partikolari:*

   *L-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn korp ta' bini mingħajr numru uffiċċjali bl-isem 'Majestic North Court' fi Triq is-Salib, kantuniera ma' Triq Ġorg Borg Olivier, Mellieħa, liema appartament huwa sitwat fil-livell tal-blokk magħruf bħala Second (2nd)*

*Floor Level sitwat fir-raba' sular meta tqis is-sular tal-fondi kummerċjali sottostanti l-blokk bħala l-ewwel sular. L-appartament jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-blokk meta tħares lejn il-blokk minn Triq is-Salib, u huwa konfinat fit- Tramuntana ma' Triq il-Kbira magħrufa wkoll bħala Triq Ġorg Borg Oliver, u fl-irjieħ l-oħra kollha ma' proprjeta' ta' Margod Investments Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu, filwaqt li l-blokk huwa konfinanti fit-Tramuntana ma' Triq il-Kbira, fil-Grigal ma' Triq is-Salib, u fin-Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Margod Investments Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu;*

*u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*Illi l-partijiet iżżewġu fis-26 ta' April 2014, u huma separati de facto.*

*Illi qabel iż-żwieġ il-partijiet addottaw ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni sabiex jirregolarizzaw kull akkwist ta' proprjeta matul iż-żwieġ, u dan skont att pubbliku li ġie ffirmat fil-25 ta' April 2014, ġewwa l-Belġju (kopja annessa u mmarkata Dok. A);*

*Illi matul iż-żwieġ tal-partijiet, l-intimata akkwistat il-proprjeta' ossia appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn korp ta' bini mingħajr numru uffiċċjali bl-isem 'Majestic North Court' fi Triq is-Salib, kantuniera ma' Triq Ġorg Borg Olivier, Mellieħa, u dan permezz ta' kuntratt ta' bejgħ ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Andre Farrugia, tal-24 ta' Settembru 2018 (Dok. B), liema fond ġie akkwistat bi prezz ta' mija u sittin elf ewro (€160,000);*

*Illi l-prezz għall-akkwist tal-imsemmija proprjeta tħallas kollu mir-rikorrent u dana minn fondi li huma parafernali tiegħu, hekk kif jirriżulta mill-annessi kopji ta' rendikonti bankarji annessi u mmarkati Dok. C u Dok. D ta' trasferimenti tal-ammonti relattivi direttament fil-kont bankarju tan-nutar li ppubblika l-att ta' akkwist;*

*Illi hija dovuta għalhekk is-somma ta' mija u sittin elf ewro (€160,000) lir-rikorrent mingħand l-intimata bħala rifużjoni ta' flejjes parafernali li ġew utilizzati mill-esponent għall-akkwist tal-proprjeta' f'isem l-istess intimata matul iż-żwieġ tal-partijiet.*

*Illi l-intimata qed tippretendi li m'għandhiex l-obbligu li trodd lura din is-somma lir-rikorrent għaliex ingħatat lilha bħala donazzjoni, meta anke jekk dato ma non concesso din kellha titqies bħala donazzjoni, tali donazzjoni hija nulla abbażi tal-fatt li tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikoli 1753 u 1810 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li ma saritx b'att pubbliku, u ma saritx bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-esponenti intavola proċeduri ta' medjazzjoni fl-ismijiet JRD vs EZD (Ittra Num 1220/2020 JPG) sabiex jirregolarizza s-separazzjoni personali ta' bejnu u bejn l-intimata, u sabiex jiġi awtorizzat jipproċedi b'kawża ta'*

*separazzjoni sabiex ikun jista' inter alia jitlob il-ħlas lura tal-imsemmi kreditu favur tiegħu mingħand l-intimata.*

*Illi r-rikorrenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jixtieq jassigura li l-intimata tiġi inibita milli b'xi mod tbiegħ, tneħħi, titrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratwitu l-unika proprjeta' li tappartjeni lilha u dan sabiex ikun f'posizzjoni li jenforza kwalukwe titolu eżekuttiv li jista' jottjeni kontra l-istess intimata u jirċievi l-ħlas dovut lilu.*

2. Rat illi fil-5 ta' Marzu 2020, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni provizzorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimat b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-22 ta' Marzu 2021.

3. Rat illi l-intimata ippreżentat ir-risposta tagħha fil-15 ta' Marzu, fejn qajjmet s-segwenti difiżi:

    1. *Illi permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi, ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-esponenti milli tbiegħ, tneħħi, titrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-appartament proprjeta' personali tagħha. Ir-rikorrent qed isejjes it-talba għal ħruġ tal-Mandat fuq il-pretensjoni li l-esponenti għandha tirrifondilu l-flejjes li huwa allegatament ħallas biex ġie akkwistat dan l-appartament.*

    2. *Illi kif qal ben tajjeb ir-rikorrenti fil-premessi tiegħu, il-partijiet iffirmaw kuntratt pre-matrimonjali fil-25 t'April, 2014, ġewwa l-Belġju. Kif jirriżulta mill-ewwel artiklu ta' dan il-kuntratt: "Both parties explicitly opt for Belgian marital property law to govern their contract" kif ukoll "The spouses will contract marriage under the regime of SEPARATION OF PROPERTY, as governed by Article id. 66 and following of the Belgian Civil Code and by the provisions mentioned hereafter".*

    3. *Illi inoltre skont l-Artiklu 6 ta' dan il-kuntratt pre-matrimonjali, "Settlements, if any, between the spouses' personal properly or between both personal properties must be made in writing. In the absence of written accounts, the spouses are deemed to have settled the accounts mutually owed to each other on a daily basis - taking into account that one spouse cannot claim payment from the other spouse - inclusive of the accounts related to contributions to the marital expenses, and the amounts owed as a result of the payment of the other spouse's debts".*

    4. *Illi għalhekk a bazi ta' dan il-ftehim, bl-aktar mod ċar ir-rikorrent m'għandu l-ebda jedd jitlob rifużjoni ta' flejjes allegatament maħruġa minnu għall-akkwist tal-fond propjeta' tal-esponenti.*

5. *Illi skont l-Artikolu 5.2 tal-Council Regulation (EU) 2016/1103 maħruġ fl-24 ta' Ġunju, 2016 "implementing enhanced cooperation in the area of jurisdiction, applicable law and the recognition and enforcement of decisions in matters of matrimonial property regimes."*

   *"Jurisdiction in matters of matrimonial property regimes under paragraph 1 shall be subject to the spouses' agreement where the court that is seised to rule on the application for divorce, legal separation or marriage annulment (i)is the court of a Member State in which the applicant is habitually resident and the applicant had resided there for at least a year immediately before the application was made, in accordance with the fifth indent of Article 3(i)(a) of Regulation (EC) No 2201/2003..."*

6. *Illi għalhekk qabel din l-Onorabbli Qorti tiddetermina l-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi, ir-rikorrent għandu jiddikjara jekk huwiex qed jissoġġetta ruħu għall-ġurisdizzioni ta' din il-Qorti f'materji relatati mar-reġim matrimonjali dwar il-proprjeta' tal-partijiet. Sussegwentement din l-Onor. Qorti għandha tiddetermina jekk hemmx ftehim dwar l-istess.*

7. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess u jekk jirriżulta li din l-Onorabbli Qorti għandha ġurisdizzjoni fuq il-patrimonju tal-partijiet u għandha ġurisdizzjoni tiddetermina materji relatati mar-reġim matrimonjali dwar il-proprjeta' tal-partijiet, il-liġi applikabbli hija dik determinata fil-kuntratt pre-matrimonjali, ossija l-Liġi Belġjana. F'dan ir-rigward l-esponenti tagħmel referenza għas-segwenti Artikoli tal-Council Regulation (EU) 2016/1103:*

   *Article 20: The law designated as applicable by this Regulation shall be applied whether or not it is the law of a Member State.*

   *Article 21: The law applicable to a matrimonial property regime pursuantto Article 22 or 26 shall apply to all assets falling under that regime, regardless of where the assets are located.*

   *Article 22: The spouses or future spouses may agree to designate, or to change, the law applicable to their matrimonial property regime, provided that the law is one of the following:*

   *(b) the law of a State of nationality of either spouse or future spouse at the time the agreement is concluded.*

   *Article 27: The law applicable to the matrimonial property regime pursuant to this Regulation shall govern, inter alia:*

*(b) the transfer of property from one category to the other;*

*(d) the powers, rights and obligations of either or both spouses with regard to property;*

*(e) the dissolution of the matrimonial property regime and the partition, distribution or liquidation of the property*

8. *Illi b'hekk din il-Qorti għandha tapplika l -applicable law, ossija l-Liġi Belġjana għall-proprjeta' tal-partijiet u dan a bażi tal-ftehim pre-matrimonjali milħuq bejn l-istess partijiet.*

9. *Illi l-Council Regulation (EU) 2016/1103 jistipula appożitament li "to facilitate to spouses the management of their property, this Regulation should authorise them to choose the law applicable to their matrimonial property regime, regardless of the nature or location of the property, among the laws with which they have close links because of habitual residence or their nationality. This choice may be made at any moment, before the marriage, at the time of conclusion of the marriage or during the course of the marriage"*

10. *Illi ladarba l-partijiet għażlu li r-reġim matrimonjali tagħhom jiġi regolat mill-ftehim pre-matrimonjali li sar a bażi tal-Liġi Belga, ir-rikorrent ma jistax jinjora l-ftehim hekk milħuq, jew aħjar jinjora l-klawsoli li jidhirlu hu mill-ftehim milħuq, u javvanza pretensjonijiet ta' krediti fittigi kontra l-esponenti.*

11. *Illi, jekk minn naħa l-oħra, r-rikorrent jiddikjara li t-termini tal-ftehim pre-matrimonjali ma japplikawx bejn il-partijiet għar-rigward il-proprjeta' tagħhom f'Malta, hija l-esponenti li għandha tavvanza krediti għal miljuni ta' Euro u proprjetajiet (immobiljari u ishma) li r-rikorrent għandu f'Malta u li akkwistahom matul il-ħajja matrimonjali.*

12. *Illi b'hekk qabel jiġi determinat dan il-Mandat, ir-rikorrenti għandu jivverbalizza jekk huwiex qed jirrinunzja għall-effetti tal-ftehim pre-matrimonjali u huwiex qed iqis il-Liġi Maltija bħala dik applikabbli bejn il-partijiet speċjalment ladarba huwa kkwota l-istess liġi Maltija fir-rikors promotur tiegħu.*

13. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-"prova" mressqa mir-rikorrent dwar il-ħlas tal-appartament tal-esponenti minn fondi allegatament parafernali, lanqas biss tindika f'isem min hu l-estratt mill-akkont bankarju eżebit bħala Dok. C u Dok. D. B'hekk din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tistrieħ fuq id-*

*dikjarazzjoni tar-rikorrent li l-flejjes li bih inxtara l-appartament huma parafernali tiegħu, ladarba ma tressqet l-ebda prova dwar dan.*

*14. Illi, fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti tissottometti umilment, li hija m'għandha tgħaddi l-ebda flejjes lir-rikorrenti u li dan m'hu xejn għajr molestja sistematika li addotta r-rikorrent fil-konfront tal-esponenti martu mill-bidu tal-proċeduri għas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, fejn beda billi ħadilha l-mobile tagħha li kien tahulha rigal; serqilha l-ftit flus li kienet ġemmgħat minn xogħolha; ħadilha l-vettura li kienet tuża għall-bżonnijiet tal-familja; keċċieha mid-dar matrimonjali b'ta' fuqha senduqha; neħħielha l-assigurazzjoni fuq is-saħħa - u dan sabiex kif qal huwa stess "I will break you" sakemm iċċedi u tinsa' lil uliedha. Issa li r-rikorrent qed jinduna li bil-miljuni kollha li għandu ma rnexxielux iċaħħad lill-esponenti minn uliedha, li trabbi b'tant għożża, qed jagħmel minn kollox biex anke javvanza pretensjonijiet fuq l-unika proprjeta' u residenza tal-esponenti u ta' wliedha. Dan qed jagħmlu bit-tama li l-esponenti tispiċċa barra fit-triq u ma tkunx tista' tibqa' tieħu ħsieb lit-tfal.*

*15. Illi għalhekk l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi u dan mhux biss minħabba għar-raġunijiet legali fuq ċitati, iżda wkoll sabiex ma tkunx parteċipi fil-bullying sistematiku eżerċitat mir-rikorrenti fil-konfront ta' martu l-esponenti.*

*Tant l-esponenti għandha l-unur tissottometti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

4. Rat illi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 199A tal-Kap 12, wara direzzjoni tal-Prim Imħallef biex il-Qrati jillimitaw il-presenza ta' nies fil-bini tal-Qorti biex nikkontjenu t-tixrid tal-Covid 19, il-Qorti ordnat illi l-partijiet w il-konsulenti legali tagħhom jattendu għas-seduta li saret fil-Qorti stess, b'mod virtwali.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazjoni il-Mandat tħalla għal deċiżjoni finali għal-lum.

## Konsiderazzjonijiet legali

6. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

7. Jirriżulta wkoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex

jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

8. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ, l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall ħruġ tal-Mandat.*
>
> *Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*
>
> > *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*
>
> *(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*
>
> > *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima*

> *facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għaliħ bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

> *(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, *Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*
>
> *(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

## Fatti

9. Jirriżulta illi, kif ikkonfermaw waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2021, il-partijiet huma lkoll residenti Maltin.

10. Jirriżulta wkoll illi ż-żwieġ tal-partijiet huwa regolat permezz ta' kuntratt ta' qabel iż-żwieġ iffirmat mill-partijiet li għandu jkun regolat bil-liġi Belġjana, kif ikkonferma r-rikorrent waqt il-proċeduri odjerni.

11. Jirriżulta illi l-partjiet huma '*de facto*' separati u preżentement għaddejjin bi proċeduri ta' medjazzjoni.

12. Jirriżulta illi r-rikorrenti qiegħed jikkontendi li propjeta' akkwistata waqt iż-żwieġ tagħhom u li hija f'isem l-intimata martu, kienet propjeta' mixtrija bi flejjes unikament tar-rikorrenti, għal liema flejjes huwa jikkontendi li l-intimata għandha tirrifondi lura l-flejjes stante illi kienu flejjes parafernali.

13. Jirriżulta illi, da parte tagħha, l-intimata tikkontendi illi, abbażi tal-ftehim ta' qabel iż-żwieġ iffirmat bejn il-partijiet, partikolarment Artikolu 6 ta' l-istess ftehim, kwalsiasi pagament illi għamel ir-rikorrent waqt iż-żwieġ a favur ta' l-intimata ma jistax jitqies u jiġi kkunsidrat.

14. Jirriżulta, mhux ikkontestat, illi dina l-Qorti trid tikkunsidra l-proċeduri odjerni unikament fuq bażi ta' '*prima facie*', u l-argumentazzjoni u konsiderazzjonijiet imressqa mill-partijiet quddiemha jinneċessitaw verifiki u studji aktar approfonditi tal-argumenti legali u fattwali taż-żewġ partijiet, fatt illi jmur oltre il-'*prima facie*' rikjest mill-liġi.

15. Jirriżulta illi, għalkemm l-intimata tikkontendi li r-rikorrent qiegħed jutilizza tali proċeduri biex jikkundizzjona lill-intimata fil-proċeduri ta' medjazzjoni u jassoġġettaha għal pressjoni barra minn lokha, r-rikorrent wera illi, fuq bażi prima facie, għadda pagamenti għall-ħlas tal-appartament 3, Majestic Court North,

Mellieħa fit-13 ta' Settembru 2018 u għalhekk jidher '*prima facie*', illi għandu dritt li jista' jipproċedi dwaru fil-Qorti, dritt illi għalhekk jagħtih il-possibbilta' illi jipproteġi l-pretensjonijet tiegħu permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern.

16. Għalhekk il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tikkonferma d-digriet tagħha tal-5 ta' Marzu 2021 u tilqa' t-talba għal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fil-5 ta' Marzu 2021 billi:

**Tilqa'** definittivament it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku ta' l-intimati.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**